



## Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża C-519/15 P**

**Trafilerie Meridionali SpA  
vs  
Il-Kummissjoni Ewropea**

“Appell — Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Ewropew tal-azzar ikkompresat — Multi — Kalkolu tal-ammont tal-multi — Linji gwida għall-kalkolu tal-ammont tal-multi tal-2006 — Punt 35 — Ġurisdizzjoni sħiħa — Obbligu ta’ motivazzjoni — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 47 — Dritt għal rimedju effettiv f’terminu raġonevoli”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-14 ta’ Settembru 2016

1. *Akkordji — Projbizzjoni — Ksur — Ftehimiet u prattiki miftiehma li jikkostitwixxu ksur uniku — Imputazzjoni ta’ responsabbiltà lil impriża waħda għall-ksur kollu minkejja l-irwol limitat tagħha — Ammissibbiltà*

*(Artikolu 101 TFUE)*

2. *Appell — Aggravji — Motivazzjoni insuffiċjenti — Rikors mill-Qorti Ġenerali għal motivazzjoni impliċita — Ammissibbiltà — Kundizzjonijiet*

*(Artikolu 256 TFUE ; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 36 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53)*

3. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Obbligu li tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni finanzjarja ta’ defiċit tal-impriża kkonċernata — Assenza — Kapaċità ta’ ħlas reali tal-impriża f’kuntast soċjali u ekonomiku partikolari — Teħid inkunsiderazzjoni — Kundizzjonijiet — Ksur tal-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament — Assenza*

*(Artikoli 101 TFUE u 263 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2))*

4. *Appell — Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja — Eżami mill-ġdid, għal raġunijiet ta’ ekwità, tal-evalwazzjoni li saret mill-Qorti Ġenerali tal-ammont ta’ multi imposti lil impriżi li kisru r-regoli tal-kompetizzjoni tat-trattat — Esklużjoni — Eżami mill-ġdid ta’ din l-evalwazzjoni għal motivi bbażati fuq il-ksur tal-prinċipju ta’ proporzjonalità — Ammissibbiltà — Osservanza tal-obbligu ta’ motivazzjoni*

*(Artikoli 101 TFUE, 102 TFUE, 256 TFUE u 261 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 31)*

5. *Proċedura ġudizzjarja — Tul tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali — Terminu raġonevoli — Kawża dwar l-eżistenza ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni — Nuqqas ta' osservanza tat-terminu raġonevoli — Konsegwenzi — Użu ta' rikors għad-danni bħala rimedju effettiv*

*(Artikoli 263 TFUE u 340 TFUE ; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47)*

6. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Talba bbażata fuq tul eċċessiv tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali — Kundizzjonijiet — Obbligu li tittieħed deċiżjoni f'kompożizzjoni differenti minn dik li ddeċidiet it-tilwima li tat lok għall-proċedura kkaratterizzata mit-tul ikkritikat*

*(Artikoli 256 TFUE u 340 TFUE ; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47)*

7. *Proċedura ġudizzjarja — Tul tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali — Terminu raġonevoli — Kriterji ta' evalwazzjoni*

*(Artikoli 101 TFUE, 102 TFUE, 256(1) TFUE, 268 TFUE u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE ; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47)*

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 31-33)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 41)

3. Billi tesponi r-raġunijiet li għalihom hija tqis li impriża hija f'pożizzjoni li tħallas l-ammont tal-multa li ġiet imposta għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, il-Qorti Ġenerali tista', mingħajr ma twettaq żball ta' liġi, tillimita ruħha li tirrispondi għall-ilment imressaq quddiemha li jallega ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, billi tikkonstata li s-sitwazzjonijiet, fuq il-livell finanzjarju, ta' impriżi oħra kkundannati għall-istess ksur huma differenti minn dawk tal-impriża rikorrenti u li huwa fid-dawl ta' dawn id-differenzi, u mhux fid-dawl tal-modalitajiet ta' parteċipazzjoni ta' dawn l-impriżi fil-ksur, li l-Kummissjoni qieset li kien xieraq li jitnaqqas parzjalment l-ammont tal-multa inkwistjoni, ikkalkolat b'mod li tittieħed inkunsiderazzjoni l-assenza ta' kapaċità ta' hłas ta' kull waħda minn dawn l-impriżi.

(ara l-punti 44, 45)

4. L-obbligu ta' motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali huwa ssodisfatt meta, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-ġurisdiżżjoni sħiħa tagħha, il-Qorti Ġenerali tiddetermina l-ammont tal-multa imposta fuq impriża għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, fl-ewwel lok, billi tieħu inkunsiderazzjoni l-parteeipazzjoni tagħha fil-ksur uniku, fit-tieni lok, billi tesponi ċ-ċirkustanzi speċifiċi għas-sitwazzjoni ta' din l-impriża li hija tqis rilevanti fir-rigward, b'mod partikolari, tal-gravità u tat-tul tal-parteeipazzjoni tagħha f'dan il-ksur, it-tielet lok, billi tieħu inkunsiderazzjoni wkoll, matul id-determinazzjoni tal-ammont ta' din il-multa, in-neċessità li tiżgura effett suffiċjentement dissważiv tagħha kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità, u fl-aħħar nett, billi la tqis ruħha marbuta mill-kalkoli tal-Kummissjoni u lanqas mil-Linji Gwida tagħha, iżda billi tagħmel l-evalwazzjoni tagħha tal-ammont tal-multa b'kunsiderazzjoni għaċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, anki jekk la speċifikat il-metodu ta' kalkolu u lanqas, b'mod partikolari, ma speċifikat il-piż attribwit lil kull wieħed mill-elementi fattwali rilevanti li tkun ħadet inkunsiderazzjoni f'dan ir-rigward. Fil-fatt, huwa biss sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-livell

tas-sanzjoni huwa mhux biss mhux xieraq, iżda wkoll eċċessiv, tant li huwa sproporzjonat, li jkun hemm lok li jiġi kkonstatat żball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali, minħabba n-natura mhux xierqa tal-ammont ta' multa.

(ara l-punti 53-56)

5. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 65)

6. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 66)

7. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 67)